

P7_TA(2010)0136

Kwittanza 2008: Parlament Ewropew

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima I – Il-Parlament (C7-0173/2009 – 2009/2069(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008¹,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2008 – Volum I (SEC(2009)1089 - C7-0173/2009)²,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja - sena finanzjarja 2008, Taqsima I - Il-Parlament Ewropew³,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għall-2008,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati⁴,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuhom huma bbażati, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE, l-Artikoli 314(10) u 318 tat-Trattat dwar il-Fnżjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 179(a) tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁶ (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew⁷,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju, skont liema artikolu kull istituzzjoni tal-UE għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex taġixxi fuq il-kummenti li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 71, 14.3.2008.

² ĠU C 273, 13.11.2009, p. 1.

³ ĠU C 127, 5.6.2009, p. 1.

⁴ ĠU C 269, 10.11.2009, p. 1.

⁵ ĠU C 273, 13.11.2009, p. 122.

⁶ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁷ PE 349.540/Bur/ann/def.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2008 - Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII u IX - u dwar l-abbozz tal-estimi preliminari tal-Parlament Ewropew (Taqsimi I) għall-proċedura baġitarja 2008¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 77 u 80(3) u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0095/2010),
- A. billi "ċ-ċittadini għandhom dritt ikun jafu kif qed jintefqu t-taxxi tagħhom u kif qed tintuża s-setgħa fdata lill-korpi politiċi"²,
- B. billi l-prinċipju ta' 'kontrolli u bilanċi' hu importanti ħafna f'istituzzjonijiet ikkaratterizzati minn ġestjoni finanzjarja diċentralizzata u billi l-prinċipju jrid jiġi żgurat permezz ta' responsabilità ċentrali żviluppata biżżejjed għall-adegwatezza sistemika tal-qafas ta' kontroll intern u tal-istruttura ta' governanza,
- C. billi waħda mill-kundizzjonijiet għal responsabilizzazzjoni effiċjenti u ġenwina - l-obbligu li wieħed jispjega kif intużaw il-fondi pubbliċi - hi li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti u oġġettiva,
1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

¹ ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 225.

² L-Inizjattiva Ewropea favur it-Trasparenza:
http://ec.europa.eu/commission_barroso/kallas/work/eu_transparency/index_en.htm

2. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (C7-0173/2009 – 2009/2069(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008¹,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2008 – Volum I (SEC(2009)1089 - C7-0173/2009)²,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja - sena finanzjarja 2008, Taqsima I - Il-Parlament Ewropew³,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għall-2008,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati⁴,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuhom huma bbażati, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE, l-Artikoli 314(10) u 318 tat-Trattat dwar il-Fnżjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 179(a) tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁶ (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew⁷,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju, skont liema artikolu kull istituzzjoni tal-UE għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex taġixxi fuq il-kummenti li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 71, 14.3.2008.

² ĠU C 273, 13.11.2009, p. 1.

³ ĠU C 127, 5.6.2009, p. 1.

⁴ ĠU C 269, 10.11.2009, p. 1.

⁵ ĠU C 273, 13.11.2009, p. 122.

⁶ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁷ PE 349.540/Bur/ann/def.

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2008 - Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII u IX - u dwar l-abbozz tal-estimi preliminari tal-Parlament Ewropew (Taqsimi I) għall-proċedura baġitarja 2008¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 77 u 80(3) u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0095/2010),
- A. billi "ċ-ċittadini għandhom dritt ikun jafu kif qed jintefqu t-taxxi tagħhom u kif qed tintuża s-setgħa fdata lill-korpi politiċi"²,
- B. billi l-prinċipju ta' 'kontrolli u bilanċi' hu importanti ħafna f'istituzzjonijiet ikkaratterizzati minn ġestjoni finanzjarja diċentralizzata u billi l-prinċipju jrid jiġi żgurat permezz ta' responsabilità ċentrali żviluppata biżżejjed għall-adegwatezza *sistemika* tal-qafas ta' kontroll intern u tal-istruttura ta' governanza,
- C. billi waħda mill-kundizzjonijiet għal responsabilizzazzjoni effiċjenti u ġenwina - l-obbligu li wieħed jispjega kif intużaw il-fondi pubbliċi - hi li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti u oġġettiva,
- D. billi, f'konformità mal-proċedura tas-soltu, intbagħat kwestjonarju lill-amministrazzjoni tal-Parlament u t-tweġibiet waslu u ġew diskussi mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, fil-preżenza tal-Viċi President responsabbli għall-Baġit u s-Segretarju Ġenerali,

Il-Ġestjoni tar-riskji u l-governanza korporattiva fil-Parlament

1. Jinnota bl-ikbar sodisfazzjon li r-rapporti ta' kwittanza dwar kif il-Parlament implimenta l-baġit tiegħu tul dawn l-aħħar għaxar snin kellhom rwol importanti u ġabu magħhom żviluppi pożittivi ħafna fil-ġestjoni finanzjarja tal-Parlament bħalma huma l-istatut tal-Membri, l-istatut tal-assistenti kif ukoll il-proċess EMAS; huwa determinat li jkompli b'dan l-iżvilupp inkuraġġanti fil-ġestjoni finanzjarja pubblika;
2. Jinnota l-kunċett ġenerali ta' 'governanza korporattiva' bħala sett ta' proċessi, drawwiet, politiki u regoli li jaffettwaw il-mod ta' kif kumpanija jew istituzzjoni tiġi diretta, amministrata u kontrollata, bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż u jżied l-output;
3. Ifakkar li nħareġ abbozz ta' rapport dwar il-kontroll Parlamentari tal-implimentazzjoni tal-baġit mid-dipartiment ta' politika għall-affarijiet baġitarji fit-12 ta' Marzu 2009 u jirrakkomanda li jiġi adottat sett tal-aqwa Prattiki mill-Parlament;
4. Jenfasizza li l-elementi ewlenin tal-governanza korporattiva tajba jinkludu t-trasparenza u l-aċċessibilità, ir-responsabilità u l-obbligu ta' rendikont tal-persuni fdati bil-governanza korporattiva f'organizzazzjoni;
5. Jiddefinixxi l-obbligu ta' rendikont bħala r-rikonixximent u t-teħid tar-responsabilità għall-azzjonijiet, id-deċiżjonijiet u l-politiki kif ukoll l-obbligu li wieħed jirrapporta, jispjega u jkun jista' jirrispondi għall-konsegwenzi li jirriżultaw;
6. Jinnota li l-Parlament hu organizzazzjoni kumplessa fejn il-linja bejn deċiżjonijiet politiċi

¹ ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 225.

² L-Inizjattiva Ewropea favur it-Trasparenza.

u amministrattivi mhux dejjem tkun ċara minħabba li l-istruttura ta' governanza tiegħu fiha ħafna livelli;

7. Huwa tal-fehma li fi ħdan sistema ta' governanza korporattiva effiċjenti u effettivi, għandha tingħata attenzjoni adegwata lir-rwol tal-amministrazzjoni; huwa tal-fehma li d-Diretturi Ġenerali, id-Diretturi u l-Kapijiet tal-Unitajiet għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-mertu, b'kont meħud ta' kwistjonijiet ta' opportunitajiet ugwali u ta' bilanċ ġeografiku. tal-esperjenza tagħhom u tal-kapaċitajiet maniġerjali tagħhom;
8. Jemmen li sistemi aktar sofistikati ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskji se jtejbju l-obbligu ta' rendikont u jipproteġu t-tmexxija politika u l-manijers amministrattivi minn riskji finanzjarji u mhux finanzjarji;
9. Jistieden lis-servizzi kompetenti, għaldaqstant, biex jirrevedu u, jekk ikun meħtieġ, jinfurzaw l-istandards minimi ta' kontroll intern biex jinkorporaw il-lezzjonijiet li tgħallmu u biex jibqgħu konformi mal-iżviluppi fil-ġestjoni tar-riskji u l-governanza korporattiva; ifakkar li d-dipartimenti li jawtorizzaw għandhom obbligu li jirrispettaw l-istandards meta jiżviluppaw is-sistemi tagħhom ta' kontroll intern u l-miżuri ta' implimentazzjoni; jistieden lis-servizzi kompetenti biex jitolbu l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit qabel ma l-istandards minimi ta' kontroll intern riveduti jintbagħtu lill-Bureau biex dan jirrevedihom u japprovahom;
10. Jinnota l-oġġettivi tas-Segretarju Ġenerali għall-2008-2009 kif ġej:
 - preparazzjoni għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona,
 - preparazzjoni għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2009 biex it-tendenza ta' parteċipazzjoni baxxa titreġġa' lura,
 - żieda fis-servizzi għall-Membri, u
 - riforma u konsolidazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament;
11. Ifakkar li r-riżorsi finanzjarji tal-Parlament joriġinaw mit-taxxi taċ-ċittadini u li kwalunkwe istituzzjoni li tuża l-fondi pubbliċi għandha l-obbligu li tispjega kif ġew użati dawk il-fondi u li tagħti informazzjoni komprensiva, oġġettiva u rilevanti dwar sa liema punt il-fondi intużaw għall-iskopijiet maħsuba u skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba (ekonomija, effiċjenza, effikaċja) u ta' trasparenza;
12. Ifakkar li l-ġhoti kollu huwa soġġett għall-prinċipju ta' trasparenza u ta' trattament ugwali, b'mod partikolari, l-Artikolu 109(1) u l-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 169 tar-Regolament tal-Kummissjoni¹ (KE, Euratom) Nru 2342/2002 (ir-Regoli Implimentattivi); jenfasizza li dan japplika għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-Unjoni, inkluż il-persunal tal-Parlament u l-qraba tagħhom li qed jirċievu sussidji għall-ħarġiet privati (bħall-iskijjar u ħarġiet oħra); jitlob lill-amministrazzjoni biex issegwi l-eżami ta' tali ħlasijiet;

¹ Regolament (KE, Euratom)Nru 2342/2002 tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p.1).

Riskji għar-reputazzjoni

13. Jenfasizza li xi riskji għar-reputazzjoni huma ħafna aktar perikolużi minn riskji finanzjarji u jistieden lis-Segretarju Ġenerali, flimkien mal-uffiċjali li jawtorizzaw biex jevalwaw bis-sħiħ il-profil tar-riskju tal-Parlament;
14. Jilqa' b' sodisfazzjon il-ħolqien tal-kariga ta' maniġer tar-riskji fl-24 ta' Frar 2010 u jitlob lill-maniġer tar-riskji li għadu kif ġie inkarigat biex jinforma l-kumitati kompetenti mill-aktar fis possibbli dwar il-kunċett għall-approċċ u l-istrateġija tar-riskji li se jiġu adottati fil-futur;
15. Jinnota li r-rwol u l-funzjoni ta' maniġer speċifiku tar-riskju għandhom ikunu li jassisti lill-Uffiċjali li Jawtorizzaw fil-ġestjoni tar-riskji permezz ta' pariri u koordinazzjoni;
16. Jenfasizza li l-indipendenza, ir-rwol u l-funzjoni tal-maniġer tar-riskju huma importanti; jinnota u jaqbel li l-maniġer tar-riskju se jkun marbut direttament mal-uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali;
17. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali, bħala parti integrata tal-proċedura ta' kwittanza, biex jibgħat rapport annwali dwar l-attivitàjiet tal-maniġer tar-riskji lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;
18. Jenfasizza li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona żied is-setgħat tal-Parlament u l-ammont ta' xogħol tal-Membri tiegħu u l-persunal awżiljarju tagħhom; huwa tal-opinjoni li kundizzjonijiet tax-xogħol fil-postijiet kollha tax-xogħol għandhom jirriflettu b'mod adegwat iż-żieda fil-ħtieġa għax-xogħol u l-materjal;
19. F'dak ir-rigward, ifakkar is-sejbiet tiegħu dwar ix-xogħlijiet tar-rijabilitazzjoni mill-asbestos, u jitlob lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jirraporta dwar ir-riżultati operattivi u finanzjarji u l-possibilità ta' ħtiġijiet futuri għal miżuri konsegwenzjali ta' rimedju;
20. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħlasijiet tar-rinnovazzjonijiet ta' Strasburgu wara l-inċident tas-7 ta' Awwissu 2008 ma' għandhomx isiru mit-taxxi taċ-ċittadini;
21. Jirakkomanda li l-Kumitat tiegħu għall-Kontroll tal-Baġit jirċievi kwestjonarju dwar il-bini u t-tweġibiet għal dan fl-istess ħin bħall-Kumitat tiegħu għall-Baġits;
22. Jenfasizza li hemm ftit wisq valur miżjud ta' Parl-TV minħabba n-numru żgħir ta' spettaturi tiegħu; huwa tal-opinjoni li l-iffinanzjar ta' Parl-TV u l-proġett kollu għandhom jiġu riveduti;

Il-proċess ta' kwittanza

23. Jenfasizza li l-valur miżjud tal-proċedura parlamentari u pubblika li twassal għall-kwittanza li l-Parlament jagħti lill-nnifsu hi l-possibilità addizzjonali li jsir, fil-pubbliku, skrutinju kritiku tal-ġestjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u għaldaqstant ikun faċilitat il-mod ta' kif iċ-ċittadini tal-Unjoni jifhmu l-istruttura partikolari, l-istruttura ta' governanza u l-metodi ta' ħidma tal-Parlament;
24. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' aktar tnaqqis tar-riskju fil-ġestjoni finanzjarja tal-Parlament fejn anke n-nuqqasijiet mhux materjali jistgħu jirriżultaw fi ħsara konsiderevoli għar-reputazzjoni tal-Parlament billi tonqos l-importanza tal-kisbiet tal-politiki tal-

Parlament u jfakkar lill-Membri u lill-persunal tal-Parlament dwar ir-responsabilità personali tagħhom fil-ġestjoni finanzjarja xierqa tal-Parlament;

25. Jenfasizza li l-iskrutinju kritiku hu meħtieġ biex jiżgura li l-parteċipanti finanzjarji tal-Parlament ikollhom obbligu sħiħ li jagħtu rendikont, għax it-trasparenza totali u kompluta biss toffri liċ-ċittadini tal-Unjoni ħarsa fuq il-ġestjoni finanzjarja tal-Parlament u l-mod ta' kif dan juża l-flus taċ-ċittadini;

L-attivitajiet tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu

26. Jenfasizza li l-Parlament, bħala *istituzzjoni*, għandu interess fundamentali fit-trasparenza totali rigward il-ġestjoni finanzjarja tiegħu; għaldaqstant jistenna li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu jikkonforma b'mod sħiħ mar-rwol speċifiku u importanti parlamentari tiegħu billi jenfasizza b'mod ċar fejn jista' jsir titjib, bħalma jagħmel ma' istituzzjonijiet oħra;
27. Jifhem sew li analiżi oġġettiva, professjonali u komprensiva ta' strutturi u proċeduri kumplessi ta' teħid tad-deċizzjonijiet u ta' ġestjoni hi sfida u tiegħu aktar ħin u jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu jkun mgħammar aħjar biex iwettaq il-kompiti tiegħu li huma dejjem akbar billi tissaħħaħ b'mod sostanzjali l-organigramma tas-segretarjat ta' dan il-Kumitat;
28. Jenfasizza li t-test tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (introdott permezz tat-Trattat ta' Lisbona) jippreżenta kompiti diffiċli għall-attivitajiet ta' kontroll tal-Parlament;
29. Jenfasizza li t-tisħiħ tas-segretarjati tal-kumitati ma jistax isir fuq il-bażi ta' parametri purament kwantitattivi u jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jinkludi parametri kwalitattivi u li huma definiti sew ukoll;
30. Jenfasizza barra minn hekk li l-attivitajiet parlamentari tradizzjonali bħall-iskrutinju kritiku tal-użu tal-fondi pubbliċi jridu jkunu parti integrali mix-xogħol ewlieni tal-Parlament fil-livelli kollha;

Titjib tal-proċessi amministrattivi

31. Jinnota t-tradizzjoni li skontha l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jitlob lill-amministrazzjoni tipprovi informazzjoni dwar diversi temi fir-rapporti tiegħu ta' kwittanza; jirrakkomanda li dawn ir-rapporti jintbagħtu direttament lill-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u li jiġu ppubblikati - għall-informazzjoni tal-membri tal-Kumitat kif ukoll taċ-ċittadini tal-Unjoni - fuq il-paġna elettronika ewlenija ta' dak il-Kumitat malli l-President tiegħu jirċevihom;
32. Japprezza jekk is-Segretarju Ġenerali jkun disponibbli għal skambju ta' fehmiet mal-kumitat kompetenti dwar it-tweġibiet mogħtija mill-amministrazzjoni għal talbiet inniżżla fir-riżoluzzjonijiet tal-kwittanza fil-laqgħa ordinarja ta' dak il-kumitat f'Settembru ta' kull sena;

Preżentazzjoni tal-kontijiet tal-Parlament Ewropew

33. Jinnota ċ-ċifri li fuq il-bażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena

finanzjarja 2008, jigiġifieri:

(a) Approprjazzjonijiet disponibbli	
approprjazzjonijiet għall-2008:	1 452 517 167
trasferimenti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2007:	43 800 036
trasferimenti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2007:	225 239 332
approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat għall-2008:	47 551 735
trasferimenti li jikkorrispondu għad-dħul assenjat mill-2007:	38 325 182
Total:	1 807 433 452
(b) Użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2008	
impenji:	1 723 369 531
ħlasijiet li saru:	1 488 856 868
ħlasijiet pendenti u approprjazzjonijiet mhux impenjati li ġejjin minn dħul assenjat:	232 944 667
approprjazzjonijiet trasferiti b'mod awtomatiku inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	232 944 667
approprjazzjonijiet trasferiti mhux b'mod awtomatiku	8 315 729
approprjazzjonijiet kanċellati:	70 722 045
(c) Dħul Baġitarju	
li wasal fl-2008:	151 054 374
(d) Il-karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2008	1 782 229 891

34. Jinnota li l-ħlasijiet totali rigward il-kreditu tal-2008, inklużi t-trasferimenti awtomatiċi u mhux awtomatiċi ta' dawk il-kreditu għall-2009, jikkorrispondu għal 94% tal-approprjazzjonijiet totali għall-2008;
35. Jinnota li l-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2008 kien ta' EUR 129 150 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji, li minnhom il-baġit tal-Parlament kien ta' EUR 1 453 miljun; barra minn hekk jinnota li din il-figura tirrappreżenta ftit aktar minn 1% tal-baġit tal-Unjoni u tammonta għal 19,48% tal-EUR 7 284 miljun allokati għall-ispejjeż amministrattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE kollha kemm huma;

Kreditu bi skadenza qasira

36. Jinnota li l-gvern Belġjan ta lura EUR 85 896 389 lill-Parlament fil-bidu tal-2010; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex meta jkun il-waqt jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar kif se jintużaw dawn il-flus;

L-Akkwist pubbliku

37. Jinnota li s-Servizz ta' Verifika Interna wettaq verifika komprensiva tal-ġestjoni u tal-kontroll tal-proċess tal-akkwist pubbliku fil-Parlament fl-2004 u fl-2005 u li r-rapport finali adottat fil-31 ta' Marzu 2006 jinkludi 144 miżura speċifika għall-implimentazzjoni għall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2008;
38. Jilqa' l-fatt li s-Servizz ta' Verifika Interna fl-2008 beda sensiela ġdida ta' verifiki biex jerġa' jivvaluta l-livell ta' kisba tal-144 miżura speċifika u jinnota li dawn il-verifiki ġodda kien għadhom għaddejnin fl-aħħar tal-2009;
39. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li bħala l-punt ta' interazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak

privat, l-akkwist pubbliku hu qasam ta' riskju kbir li jeħtieġ li jingħata attenzjoni kontinwa mill-qrib;

40. Ifakkar li f'kull stadju tal-proċess tal-akkwist - il-valutazzjoni inizjali tal-ħtiġijiet, it-tnejn ta' sejħa għall-offerti, it-tfassil ta' sejħiet għall-offerti u l-ispeċifikazzjonijiet, il-kuntatti ma' appaltaturi, il-ftuħ tal-offerti, l-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti, it-teħid tad-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni, il-konklużjoni tal-kuntratti - jeżistu riskji sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet imsemmija hawn fuq bħala riżultat ta' ambjent legali kumpless u ħtiġijiet fattwali;
41. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jiżgura li jitkomplew il-korsijiet speċjali ta' taħriġ fl-akkwist u li l-persunal kollu li jittratta l-akkwist jattendi għalihom, li l-akkwist jiġi rikonoxxut bħala funzjoni speċjalizzata fir-reġistru tal-Parlament għall-ħiliet professjonali esklussivament għall-persunal intern u li l-akkwist jitqies bħala "xogħol sensittiv" soġġett għal miżuri ta' rotazzjoni u/jew ta' kontroll addizzjonali xierqa;

Riforma tar-Regolament Finanzjarju

42. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jieħu sehem attiv fir-reviżjoni li jmiss fuq tliet snin tar-Regolament Finanzjarju billi jingħata parir amministrattiv dwar l-oqsma li jeħtieġu riforma;

Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

43. Jinnota li s-servizzi ċentrali, fuq il-bażi ta' taġħrif provdut mid-dipartimenti li jawtorizzaw, jistabbilixxu r-rapport annwali¹ lill-awtorità baġitarja fuq kuntratti mogħtija fl-2008 u t-tqassim kif ġej tal-kuntratti kollha mogħtija fl-2008 u fl-2007:

Tip ta' kuntratt	2008		2007	
	Għadd	Persentaġġ	Għadd	Persentaġġ
Servizzi	240	67%	161	65%
Provvisti	59	17%	48	19%
Xogħlijiet	44	12%	28	11%
Bini	15	4%	12	5%
Total	358	100%	249	100%

Tip ta' kuntratt	2008		2007	
	Valur (f'EUR)	Persentaġġ	Valur (f'EUR)	Persentaġġ
Servizzi	454 672 969	67%	218 201 103	66%
Provvisti	22 868 680	3%	42 443 126	13%
Xogħlijiet	81 247 056	12%	16 449 758	5%
Bini	123 429 315	18%	54 387 707	16%
Total	682 218 020	100%	331 481 694	100%

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2008, paġna 4)

44. Jinnota t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2008 u fl-2007 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej:

Tip ta' proċedura	2008		2007	
	Għadd	Persentaġġ	Għadd	Persentaġġ
Miftuħa	126	35%	85	34%
Ristretta	14	4%	10	4%
Negożjata	218	61%	154	62%
Total	358	100%	249	100%

¹ disponibbli fuq:
<http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/200911/20091120ATT64961/20091120ATT64961EN.pdf>

Tip ta' proċedura	2008		2007	
	Valur (f'EUR)	Persentaġġ	Valur (f'EUR)	Persentaġġ
	Miftuħa	345 415 316	51%	162 124 519
Ristretta	139 782 362	20%	59 593 905	18%
Negożjata	197 020 342	29%	109 763 270	33%
Total	682 218 020	100%	331 481 694	100%

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2008, paġna 6)

45. Jinnota li minn total ta' 358 kuntratt li nġhataw fl-2008, 140 kuntratt, b'valur ta' EUR 485,2 miljun, kienu bbażati fuq proċeduri miftuħa jew restritti, filwaqt li 218, b'valur ta' EUR 197 miljun, kienu bbażati fuq proċeduri nnegożjati;

Proċeduri negożjati eċċezzjonali

46. Jinnota b'mod partikulari ż-żieda kbira fl-2008 tal-ġhadd ta' proċeduri nnegożjati eċċezzjonali kif muri fl-analiżi dettaljata li ġejja:

	2008		2007	
	Għadd	% tal-kuntratti totali tad-DĠ	Għadd	% tal-kuntratti totali tad-DĠ
DĠ PRES (ħlief DIT)	8	44,44%	6	37,50%
DĠ IPOL	0	0,00%	0	0,00%
DĠ EXPO	3	75,00%	1	20,00%
DĠ COMM (ħlief id-Dir. Librerija)	16	16,00%	9	13,64%
DĠ PERS	0	0,00%	1	9,09%
DĠ INLO (ħlief id-Dir. Interpretazzjoni)	35	34,31%	19	21,84%
DĠ INTE (qabel kien id-Dir. Interpretazzjoni)	9	56,25%	3	33,33%
DĠ TRAD (ħlief id-Dir. Pubblikazzjonijiet)	0	0,00%	1	25,00%
DĠ ITEC (qabel kienu d-Dir. Pubblikazzjonijiet u d-Dir. IT)	9	56,25%	2	33,33%
DĠ FINS	0	0,00%	0	0,00%
Servizz Legali	0	0,00%	0	0,00%
Parlament, total	80	22,35%	42	16,87%

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2008, p. 9)

47. Jinnota li l-proporzjon tal-proċeduri nnegożjati eċċezzjonali żdied fl-għadd kif ukoll fil-proporzjon fil-każ ta' sitt uffiċjali bid-delegazzjoni li jawtorizzaw;

Artikolu 54 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni¹

48. Ifakkar li l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni jgħid: "*Jekk il-proporzjon ta' proċeduri nnegożjati meta jitkejjel mal-għadd ta' kuntratti mogħtija mill-istess [test mhux uffiċjali] uffiċjal bid-delegazzjoni li jawtorizza jiżdied sew milli kien fi snin oħra, jew jekk dak il-proporzjon ikun oġġla mill-medja għal dik l-istituzzjoni, l-uffiċjal li jawtorizza responsabbli għandu jirrapporta lill-istituzzjoni u jistabbilixxi miżuri biex ireġġa' dik it-tendenza lura*";
49. Hu tal-fehma li ż-żieda reġistrata bejn l-2007 u l-2008 b'mod ċar tobligja lill-uffiċjali li jawtorizzaw li jieħdu miżuri biex 'ireġġgħu din it-tendenza lura'; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jirrapporta lill-Kumitat tiegħu għall-Kontroll tal-Baġit dwar il-miżuri li ttieħdu qabel l-1 ta' Settembru 2010;
50. Jistieden lill-uffiċjali li jawtorizzaw biex jippreżentaw lill-awtorità ta' kwittanza - għas-sena finanzjarja 2009 u aktar 'il quddiem - aktar informazzjoni li tippermetti superviżjoni aktar bir-reqqa tal-użu mill-Parlament ta' proċeduri nnegożjati eċċezzjonali (Artikoli 126 u 127 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni) billi jinkludu, fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħhom, anness li jipprovdi informazzjoni ċara dwar:
- għalfejn kien jeħtieġ, l-ewwel nett, li jiġi konkluż kuntratt skont l-Artikoli 126 jew 127 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni,
 - għalfejn l-uffiċjal li jawtorizza sab li kuntratt speċifiku jaqa' taħt waħda mill-kategoriji stabbiliti ("l-offerti li saru ma kinux tajbin", "raġunijiet tekniċi jew artistiki", "urġenza", eċċ) fl-Artikolu 126(1) u fl-Artikolu 127(1),
 - l-għadd ta' kandidati li saru negożjati magħhom, u
 - il-kriterji għalfejn l-offerta kienet aċċettabbli;
51. Barra minn hekk, jistieden lill-Unità Finanzjarja Ċentrali biex tikkonsolida l-informazzjoni li għandha tingħata fl-anness il-ġdid tar-"Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew";

Rappreżentazzjonijiet tal-maniġment fil-Parlament

52. Ifakkar li l-Artikolu 8(9) sa (11) tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-Baġit tal-Parlament Ewropew jipprovdi li s-Segretarju Ġenerali għandu, bħala l-Uffiċjal Prinċipali bid-Delegazzjoni li Jawtorizza, jagħmel dikjarazzjoni dwar jekk il-baġit tal-Parlament ikunx ġie implimentat skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda u dwar jekk il-qafas ta' kontroll eżistenti jipprovdi il-garanziji meħtieġa ta' legalità u ta' regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti;
53. Ifakkar ukoll li d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali bid-Delegazzjoni li

¹ Ara wkoll:

http://ec.europa.eu/budget/library/documents/implement_control/fin_rules/syn_pub_rf_modex_en.pdf

Jawtorizza hi bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet maħruġa mid-Diretturi Ġenerali fil-kapaċità tagħhom ta' Uffiċjali bid-Delegazzjoni li Jawtorizzaw;

54. Jinnota li s-Segretarju Ġenerali preċedenti, fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-4 ta' Marzu 2009¹
- *innota* li l-ebda uffiċjal li jawtorizza ma semma kwalifiki formali fid-dikjarazzjoni tiegħu, u
 - *iċċertifika* li għandu assigurazzjoni raġjonevoli li l-baġit tal-Parlament għie implimentat b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u tar-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti;
55. Jinnota wkoll li l-Uffiċjal Ewlieni li Jawtorizza Per Prokura qal ukoll li d-dikjarazzjoni "hi bbażata fuq il-ġudizzju tiegħu, fuq ir-rapport ta' verifika interna li rċevejt, fuq il-monitoraġġ u l-appoġġ ċentrali tal-attivitajiet ta' ġestjoni finanzjarja mwettqa f'ismi jew fuq talba tiegħi, u fuq kull informazzjoni oħra disponibbli";

Artikolu 60(4) u 9(7) tar-Regolament Finanzjarju²

56. Jinnota li l-Artikolu 60(4) tar-Regolament Finanzjarju jitlob lil kull Uffiċjal Ewlieni li Jawtorizza Per Prokura biex "iqiegħed (...) l-amministrazzjoni nterna u l-proċeduri ta' kontroll l-aktar adatti għat-twettieq tad-doveri tiegħu/tagħha,(...)" u li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 60(7) tar-Regolament Finanzjarju jitlob lill-istess persuna responsabbli fil-ġestjoni finanzjarja biex jirrapporta dwar "l-effiċjenza u l-effettività" tas-sistemi li jkun stabilixxa;

Mhux ir-rapporti ta' attività annwali kollha kienu konformi mar-Regolament Finanzjarju

57. Jinnota wkoll li xi Diretturi Ġenerali biss "indikaw ir-riskji assoċjati mal-operazzjonijiet tagħhom jew irrapportaw dwar il-mod ta' kif jaħdmu s-sistemi tagħhom ta' kontroll intern" (risposta għall-Mistoqsija 4.2.1) filwaqt li r-Regolament Finanzjarju fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 60(7) jgħid b'mod ċar li l-Uffiċjali li Jawtorizzaw, fir-rapport ta' attività annwali tagħhom, għandhom jirrapportaw dwar "l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern";

Ir-rekwiżiti ta' rappurtar huma laxki wisq?

58. Jinnota li n-nuqqas kien "bla dubju dovut għall-fatt li l-istruzzjonijiet għat-tfassil tar-rapporti ta' attività annwali tal-2008 ppermettew ħafna lok ta' manuvrar għall-Uffiċjali li Jawtorizzaw fil-mod ta' kif kellhom jirrapportaw, partikolarment dwar is-sistemi tagħhom ta' kontroll intern² (tweġiba għall-Mistoqsija Nru 4.2.); madankollu jinnota b'sodisfazzjon li l-istruzzjonijiet għar-rapporti tal-2009 f'dan ir-rigward huma aktar stretti u jistenna li d-Diretturi Ġenerali kollha jaġixxu skonthom;
59. Ifakkar li l-għan ta' sistema ta' kontroll intern hu li tiżgura n-nefqa korretta f'konformità

¹ Disponibbli fuq:
<http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/200911/20091118ATT64756/20091118ATT64756EN.pdf>

² Ara wkoll:
http://ec.europa.eu/budget/library/documents/implement_control/fin_rules/syn_pub_rf_modex_en.pdf

mar-regolamenti finanzjarji;

60. Jenfasizza li fi kwalunkwe sistema ta' ġestjoni finanzjarja jrid ikun hemm l-iċċekkjar u l-bilanċi xierqa meta jiġi awtorizzat xi nfiq;
61. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali, għaldaqstant, sabiex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza malajr kemm jista' jkun u f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 dwar il-miżuri preċiżi - u l-iskadenza għall-implimentazzjoni - li ħa jew li se jieħu biex isahha is-sistema ta' kontrolli interni u b'mod partikolari rigward:
 - il-garanzija li r-rapporti ta' attività li jikkonformaw bis-siġħ mal-Artikolu 60(7) tar-Regolament Finanzjarju mill-Uffiċjali li Jawtorizzaw kollha;
 - il-kisba ta' rapporti ta' attività annwali aktar ċari, iqsar, aktar preċiżi, aktar relevanti u aktar professjonali bl-għan li jipprovdu lill-awtorità ta' kwittanza b'informazzjoni relevanti dwar l-użu ta' fondi pubbliċi mill-Parlament, l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex is-Segretarju Ġenerali jagħmel dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni effikaċi;
 - it-tweġiq ta' kontrolli interni għall-kuntratti negozjati u restritti li jmorru lura għall-2008; l-intensifikazzjoni ta' kontrolli interni ta' dan it-tip,
 - il-pubblikazzjoni ta' lista annwali kompleta tal-kumpaniji kollha li ngħataw kuntratti negozjati u restritti mill-2008;

Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2008

Fattur ta' multiplikazzjoni applikabbli għas-salarji

62. Jinnota li l-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed ikomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Persunal fir-rigward tal-fattur ta' multiplikazzjoni bħal fis-snin preċedenti filwaqt li jstennew id-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet dwar din il-kwistjoni ippreżentati lilha mill-persunal tagħhom;

Rimborż tal-ispejjeż ta' akkomodazzjoni magħmula waqt il-missjonijiet

63. Jinnota li, sa mis-sena finanzjarja 2004, il-Qorti tal-Awdituri stiednet lill-Parlament biex jiżgura li l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni magħmula waqt il-missjonijiet jiġu rimborżati f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mid-DĠ Persunal biex jissimplifika u jirrazzjonalizza l-ġestjoni tal-missjonijiet;
64. Jinnota t-tweġiba tal-amministrazzjoni u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li "bażi baġitarja" ma tistax tintuża biex taqleb il-qafas regolatorju; iqis li din il-kwistjoni għandha tingħata attenzjoni speċjali fir-reviżjoni li ġejja tar-Regolamenti tal-Persunal;
65. Jistenna li dawk li b'mod ewlieni jieħdu d-deċiżjonijiet f'dan il-qasam – il-Bureau, is-Segretarju Ġenerali u d-Direttur Ġenerali għall-Persunal – jieħdu, malajr kemm jista' jkun wara li tkun ittiegħet deċiżjoni, il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli interni u l-proċeduri tal-Parlament rigward il-missjonijiet ikunu konformi b'mod siġħ u konsistenti mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u r-Regolamenti dwar il-Persunal;

Allowances għall-assistenza għall-Membri

66. Jinnota u jifraħ lill-servizzi għall-ammont konsiderevoli ta' xogħol imwettaq fl-eżerċizzju ta' regolarizzazzjoni għall-ispejjeż tal-assistenza parlamentari mħallsa matul is-snin 2004 sal- 2008;
67. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali, lid-Direttur Ġenerali għall-Persunal u lid-Direttur Ġenerali għall-Innovazzjoni u l-Appoġġ Teknoloġiku biex jaraw sa liema punt ikunu jistgħu jintużaw it-teknoloġiji ġodda tal-konferenzi bil-video bħala mod ta' kif jitnaqqsu l-ispejjeż tal-missjonijiet; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-użu ta' Open Source softwarebhala mod sigur u li ma jiswiex ħafna flus ta' kif isiru l-konferenzi bil-video;
68. Jinnota wkoll li s-sistema l-ġdida li bdiet fl-14 ta' Lulju 2009 hi mistennija tiżgura konformità xierqa mal-regoli u mal-prinċipji rilevanti u tipprovdi l-aqwa garanzija ta' trasparenza, legalità u tmexxija finanzjarja tajba tal-allowances għall-assistenza parlamentari;

Il-Membri bħala persuni pubbliċi

69. Jappoġġja d-dritt ta' dawk li jħallsu t-taxxi li jagħmlu skrutinju tal-użu li l-Membri, bħala persuni pubbliċi, jagħmlu mill-kontribuzzjoni tagħhom, u jistieden lill-Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku fl-użu tagħhom tal-fondi pubbliċi Ewropej;
70. Jistieden - wara li kkunsidra r-riskji konsiderevoli għar-reputazzjoni f'dan il-qasam tal-politika pubblika - kemm lill-Awditur Intern kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri biex issegwi mill-qrib il-funzjonament u l-effiċjenza tal-qafas il-ġdid u biex jindikaw kwalunkwe nuqqasijiet u/jew possibiltajiet għal titjib fl-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar il-ħlasijiet lill-Membri, inkluża n-nefqa għall-għajnuna;

Skema ta' pensjonijiet addizzjonali għall-Membri

71. Ifakkar fir-rimarki tal-Qorti tal-Awdituri fir-Rapporti Annwali tagħha tal-2006 u l-2007 dwar il-bżonn li jiġu stabbiliti regoli ċari li jiddefinixxu l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Parlament u tal-membri tal-fond fil-każ ta' defiċit; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jibgħat proposta sal-31 ta' Diċembru 2010 biex isolvi dan, filwaqt li jirrispetta d-deċiżjoni meħuda mill-Plenarja li l-ebda flus addizzjonali mit-taxxi ma jintużaw biex ikopri d-defiċit;
72. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2008, il-fond kellu defiċit attwarju ta' EUR 121 844 000 u li, fl-istess data, il-fond evalwa l-benefiċċji li għad iridu jitħallsu lill-membri tal-fond bħala EUR 276 984 000 (Rapport Annwali 2008 tal-Qorti tal-Awdituri, Anness 11.2);
73. Jinnota li l-passivi tal-Parlament huma riflessi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-31 ta' Diċembru 2008;
74. Jinnota r-rapport tal-awditur indipendenti li jgħid li “il-provvediment għall-pensjonijiet u obbligi simili ġie kkalkulat fuq il-bażi ta' qligħ ta' 6.5% fis-sena fuq l-investment”, u din iċ-ċifra mhix realistika;
75. Jenfasizza l-ħtieġa għal trasparenza sħiħa fit-teħid tad-deċiżjonijiet mill-entitajiet ta' governanza tiegħu, jiġifieri l-President, il-Bureau, il-Kwesturi u l-Konferenza tal-Prezidenti;

76. Jistieden lill-Bureau jqis il-possibilità li jagħmel l-informazzjoni mogħtija lill-Kumitat għall-Baġits dwar id-deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi baġitarji kbar aktar faċilment aċċessibbli għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sabiex ikun jista' jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet ta' informazzjoni dwar l-awtorità tal-kwittanza u tal-Ewropej li jħallsu t-taxxi;
77. Huwa tal-fehma li l-Bureau bħala l-korp kompetenti fi ħdan il-Parlament għad-deċiżjonijiet finanzjarji u amministrattivi li jaffettwaw il-Membri u t-tħaddim tal-istituzzjoni, għandu responsabbiltà partikolari li titrawwem ir-responsabbiltà demokratika;
78. Hu tal-fehma li l-emendar tal-proposti baġitarji li jkopri biss is-sena baġitarja attwali mhux biżżejjed bħala għodda tal-ġestjoni u jstieden lill-Bureau biex jippreżenta stima ta' ħames snin tal-konsegwenzi mistennija ta' deċiżjonijiet finanzjarji kbar;
79. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' rendikont fil-politika pubblika u l-ġestjoni tar-riskji għar-reputazzjoni ta' istituzzjonijiet pubbliċi huma kwistjonijiet li ma jistgħux u ma għandhomx jiġu ridotti għal konsiderazzjonijiet legali;

Ir-Rapporti tal-Awditur Intern tal-Parlament

80. Jinnota li l-Servizz ta' Verifika Interna kien, sa mill-ħolqien tiegħu, parti mid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi, li jirrappreżenta madwar 30% tal-baġit tal-Parlament, u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Servizz ta' Verifika Interna, mill-1 ta' Settembru 2009, wara deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, ġie marbut direttament mas-Segretarju Ġenerali minħabba li kemm l-effikaċja tal-attività ta' verifika interna u kemm il-perċezzjoni tar-rwol indipendenti u oġġettiv tiegħu mid-dipartimenti verifikati se titjieb permezz ta' din il-mossa;
81. Jenfasizza li l-pożizzjoni preċedenti tiegħu fi ħdan l-organizzazzjoni ma żammitx lis-Servizz ta' Verifika Interna milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont il-ħtiġiet professjonali u regolatorji; jilqa' l-pożizzjoni l-ġdida tiegħu u jistenna li din se ttejjeb il-fluss ta' informazzjoni essenzjali dwar kwistjonijiet ta' riskju mingħand is-Segretarju Ġenerali u b'hekk tiffaċilita r-rwol tal-Awditur Intern li jagħti pariri lill-Parlament dwar kif tittratta r-riskji;

Verifika tal-Qafas ta' Kontroll Intern

82. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Servizz ta' Verifika Interna ta prijorità lill-monitoraġġ u l-għoti ta' pariri dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi deċentralizzati ġodda ta' kontroll intern introdotti mir-Regolament Finanzjarju, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1 2003;
83. Jinnota wkoll li r-reviżjoni oriġinali tal-Qafas ta' Kontroll Intern fl-2003 u l-2004 rriżultat f'14-il rapport tal-verifika li jkopru d-dipartimenti kollha u s-servizzi ċentrali u fihom 452 azzjonijiet miftiehma;
84. Jinnota li l-ewwel sensiela ta' verifiki ta' segwitu fl-2005 u l-2006 uriet li l-maniġment kien implimenta 225 mill-452 azzjoni oriġinali u li l-227 azzjoni mhux kompleta kienu jinkludu 20 meqjusa bħala "kritiċi" għax jindirizzaw oqsma esposti ħafna għar-riskju u ħolqu l-ħtieġa ta' azzjoni korrettiva urġenti mis-servizzi konċernati;

L-azzjonijiet miftuħa li għad fadal

85. Jinnota wkoll li wara t-tieni sensiela ta' verifiki ta' segwitu fl-2007 u l-2008, ir-riżultat fl-aħħar tal-2008 wera li mill-452 azzjoni oriġinali, 88 kien għadhom miftuħa, u li daww l-azzjonijiet kienu mqassma bejn id-Direttorati Ġenerali kif ġej:

DĠ PRES:	5
DĠ TRAD:	1
DĠ ITEC:	22 + erba' azzjonijiet <i>kritiċi</i> mhux kompluti
DĠ INTE:	5
DĠ INLO	10
DĠ COMM:	6
DĠ PERS	9
DĠ FINS	12
Seg Ġen	18 (Azzjonijiet Ċentrali)

86. Jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib fit-tmexxija u s-sistemi ta' kontroll intern tad-Direttorati Ġenerali iżda jqajjem mistoqsijiet dwar l-għadd ta' azzjonijiet mhux kompluti li juru rata ta' tlestija globali ta' 80.53% biss fuq perjodu ta' żmien relattivament twil li kellu jkun biżżejjed għas-servizzi responsabbli biex jieħdu azzjoni korrettiva;
87. Huwa konxju sew li xi dipartimenti ġew trasferiti għal Direttorati Ġenerali oħra fil-perjodu li qed jiġi kkonsidrat; ifakkar li "l-istituzzjoni għandha tassigura li azzjoni tittieħed dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditjar" skont l-Artikolu 86 (3) tar-Regolament Finanzjarju, u jħoss li mhux sodisfaċenti li r-rakkomandazzjonijiet tal-verifika maħruġa fl-2003 u l-2004 għadhom ma ġewx implimentati fl-2008;
88. Jenfasizza li t-88 azzjoni mhux kompluti jindikaw il-persistenza ta' riskji residwi f'ċerti oqsma speċifiċi u jirrakkomanda bil-qawwa li jittieħdu malajr il-miżuri xierqa biex ikunu implimentati r-rakkomandazzjonijiet pendenti malajr kemm jista' jkun; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jinforma lill-kumitat kompetenti bil-progress li jkun sar;
89. Huwa tal-opinjoni li għandha ssir revizzjoni tal-uffiċċju ta' verifika interna tal-Parlament bl-għan li jissaħħaħ dak is-servizz u b'hekk ikompli jitjieb l-iskrutinju finanzjarju, u għandhom jiġu provduti l-istrumenti kollha li jiżguraw li l-kompiti tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jiġu sodisfati;
90. Jitlob li sat-30 ta' Settembru 2010, il-Parlament jirċievi spjegazzjoni sħiħa u tweġibiet eżatti għalfejn iċ-Ċentru tal-Viżitaturi l-ġdid għadu mhux miftuħ;

Il-premjijiet tal-Parlament Ewropew

91. Iqis li l-Premju tal-Ġurnaliżmu tal-Parlament mhuwiex xieraq minħabba li l-Parlament m'għandux jagħti premjijiet lil ġurnalisti li xogħolhom huwa li jeżaminaw b'mod kritiku l-istituzzjonijiet tal-UE u l-ħidma tagħhom;

Gruppi politiċi (punt 4 0 0 0 tal-baġit)

92. Jinnota li fl-2008 l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-punt 4 0 0 0 tal-baġit intużaw kif

għej:

(f'EUR)								
Total disponibbli fil-baġit 2008					81.625.415			
Membri Non-Affiljati					1.485.287			
Ammonti disponibbli għall-gruppi					80.140.128			
Grupp	Approprjazzjonijiet allokati mill-baġit tal-Parlament	Allokazzjoni mill-ġdid (*)	Allokazzjoni Supplementari 2008 (**)	Riżorsi proprji tal-gruppi u approprjazzjonijiet trasferiti	Nefqa fl-2008	Rata ta' utilizzazzjoni tal-appropriazzjonijiet disponibbli	Limitu massimu tat-trasferimenti (***)	Ammonti trasferiti għas-sena 2009
PPE	19.457.497	-19.262	2.256.382	9.768.471	24.057.411	76,46%	11.985.131	7.405.677
PSE	14.417.268	45.992	1.685.892	7.254.341	16.555.599	70,74%	8.894.526	6.847.894
ALDE	6.685.814	-35.299	768.650	3.008.933	7.409.623	71,05%	4.111.557	3.018.475
VERTS/ALE	2.765.269	45.912	330.540	1.070.615	3.191.911	75,78%	1.713.175	1.020.425
GUE/NGL	2.809.780	-2.357	325.919	971.528	2.627.939	64,02%	1.730.809	1.476.931
UEN	2.764.733	-26.557	315.066	968.265	2.770.796	68,90%	1.697.433	1.250.711
IND/DEM	1.621.041	-51.389	176.408	760.676	1.924.007	76,75%	986.929	582.729
NI	1.226.937		141.143	117.207	1.019.401	68,63%	754.612	392.949
Total	51.748.339	-42.960	6.000.000	23.920.036	59.556.687	72,96%	31.874.170	21.995.791

(*) Minħabba modifiki fil-kompożizzjoni tal-Gruppi u tal-Membri Mhux Affiljati

(**) Deċiżjoni tal-Bureau tat-3 ta' Diċembru 2008

(***) Skont l-Artikolu 2.1.6 tar-Regoli dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet mill-punt baġitarju 4 0 0 0 u d-deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' Diċembru 2008; allokkazzjoni supplementari li għandha tintuża sat-30 ta' Marzu 2009

Approprjazzjonijiet addizzjonali

93. Ifakkar li fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2008, il-Bureau ddeċieda li jdaħħal approprjazzjonijiet addizzjonali li jammontaw għal EUR 6 miljun fil-punt tal-baġit 4000 biex jiffinanzja kampanja ta' informazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej 2009 (D (2009) 28076 tal-15 ta' Ġunju 2009);

94. Jinnota li fit-15 ta' Diċembru 2008 l-Bureau ddeċieda:

– "li l-limitu ta' 50% previst fl-Artikoli 2.1.6 u 2.9.2 tar-Regoli dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet mill-punt baġitarju 4000 ma kienx japplika għall-appropriazzjonijiet addizzjonali ta' EUR 6 miljun li kien iddeċieda jalloka mill-ġdid fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2008 u li, bħala konsegwenza, dan l-ammont supplementari seta' jiġi trasferit kollu kemm hu għall-2009,

– madankollu, li l-gruppi jridu jużaw dawn l-appropriazzjonijiet supplementari qabel l-aħħar ta' Marzu 2009 u li daww l-ammonti li ma jintużawx kellhom jitħallsu lura lill-baġit tal-Parlament; u li, għaldaqstant,

– l-użu ta' dawn l-appropriazzjonijiet addizzjonali għandu jiġu kkunsidrat f'konnessjoni

mal-għeluq tal-kontijiet għall-ewwel nofs tal-2009, peress li s-snin tal-elezzjoni jinqasmu f'żewġ perjodi ta' sitt xhur" (D (2009) 28076 tal-15 ta' Ġunju 2009);

95. Ifakkar li l-President fil-laqgħa tal-Bureau tas-16 ta' Ġunju 2009 "innotta bi tħassib it-tnaqqis globali fil-parteċipazzjoni f'dawn l-elezzjonijiet għal 43.2%, li (...) kienet kwistjoni li fuqha l-Bureau li jmiss kien se jkollu jirrifletti bir-reqqa" (PE 426.193/BUR);

Għeluq tal-kontijiet - mingħajr dibattitu?

96. Jinnotta li skont il-punt 2.7.3 tar-Regoli dwar l-użu ta' approprjazzjonijiet mill-punt tal-baġit 4 0 0 0 1¹, il-President ippreżenta r-rapporti vverifikati ppreżentati mill-gruppi politiċi dwar l-użu ta' approprjazzjonijiet lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fit-8 ta' Lulju 2009 (ittra 311812);
97. Jirrimarka li s-Segretarju Ġenerali fin-nota tiegħu lill-membri tal-Bureau tal-15 ta' Ġunju 2009 (D(2009)28076) stqarr li " [fir-] rapporti kollha l-awdituri ċċertifikaw mingħajr riżervi li l-kontijiet mogħtija kienu konformi mar-regoli";
98. Jinnotta li fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2009 (Minuti tal-laqgħa tas-16 ta' Ġunju 2009, PE 426.193/BUR):
- meta kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-gruppi politiċi 2008, il-Bureau nnota u approva d-dokumenti ppreżentati mill-gruppi,
 - meta kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Grupp ITS, il-Bureau approva l-konklużjonijiet li jinsabu fin-nota tas-Segretarju Ġenerali dwar il-kwistjoni,
 - il-Bureau ta istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali biex jistabbilixxi l-klejm definittiv kontra Membru u biex iwettaq kull regolarizzazzjoni meħtieġa;
99. Ifakkar li skont l-punt 2.2.3 tar-Regoli dwar l-użu ta' approprjazzjonijiet mill-punt baġitarju 4 0 0 0, kull grupp jeħtieġ ikollu sistema ta' kontroll intern;

¹ PE 335.475/BUR/Rev2,

Partiti politiċi Ewropej

100. Jinnota li fl-2008 l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-punt 4 0 2 0 tal-baġit intużaw kif ġej:

(EUR)

Eżekuzzjoni tal-baġit tal-2008 skont il-ftehim				
Partit	Riżorsi Propriji	Sussidji totali mill-PE	Dħul totali	Sussidji bħala % tal-infiq eleġibbli (massimu 85%)
PPE	1.169.574,08	3.354.754,00	4.524.328,08	79%
PSE	859.853,00	3.027.647,00	3.887.500,00	82%
ELDR	420.721,36	1.115.665,00	1.536.386,36	83%
EFGP	272.909,63	641.534,00	914.443,63	70%
GE	176.454,75	536.539,11	712.993,86	76%
PDE	78.746,17	407.693,22	486.439,39	83%
AEN	36.619,20	206.376,01	242.995,21	85%
ADIE	80.187,00	303.051,35	383.238,35	85%
EFA	65.390,25	226.600,00	291.990,25	83%
EUD	50.094,08	153.821,06	203.915,14	85%
Total	3.210.549,52	9.973.680,75	13.184.230,27	80%

101. Jinnota li l-Bureau, mingħajr dibattitu, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2009, approva r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-attivitajiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji rispettivi ta' sebgħa mill-10 partiti politiċi Ewropej (Minuti tal-laqgħa tal-17 ta' Ġunju 2009, PE 426.231/BUR);

102. Jinnota wkoll li s-Segretarju Ġenerali fin-nota tiegħu lill-membri tal-Bureau - (D (2009) 30444 tal-15 ta' Ġunju 2009) - ta t-tagħrif li ġej:

"8. B'mod ġenerali, ir-rapporti tal-attività tal-partiti jikkorrispondu għall-programmi ta' attività ppreżentati mill-partiti meta saret l-applikazzjoni għall-għotja. Il-partiti għamlu bidliet fir-rigward tal-programmi oriġinali, partikolarment rigward is-suġġetti, id-dati u l-postijiet tal-laqgħat jew konferenzi. Madankollu, dawn il-bidliet ma jaffettwawx is-sustanza tal-programmi ta' attività u għandhom jiġu aċċettati sabiex joffru l-flessibilità meħtieġa lill-partiti biex jirrispondu għal ambjent politiku li jinbidel matul is-sena. Il-partiti wkoll għamlu bidliet fil-baġits proviżorji tagħhom permezz ta' trasferimenti

...

10. Jinnota li fir-rapporti kollha, l-awdituri ċċertifikaw bla riżervi li l-kontijiet ippreżentati kienu konformi mad-dispożizzjonijiet statutorji ewlenin tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 u li ppreżentaw stampa vera u fidila li tirrifletti s-sitwazzjoni tal-partiti politiċi fi tmiem is-sena finanzjarja 2008";

103. Jinnota li l-Bureau fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Settembru 2009, approva r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-attivitajiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji rispettivi tat-tliet partiti politiċi Ewropej li r-rapporti tagħhom ma kinux disponibbli fil-

laqgħa tal-Bureau tas-17 ta' Ġunju 2009, jiġifieri l-ADIE (l-Alleanza ta' Demokratiċi Indipendenti fl-Ewropa), l-AEN (Alleanza għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet) u l-EUD (EU Democrats) (Minuti tal-laqgħa tal-14 ta' Settembru 2009, PE 426.393/BUR);

104. Jinnota wkoll li l-Bureau stabbilixxa li l-uffiċjal li jawtorizza ġie mitlub jirkupra bilanċ ta' EUR 90,604,58 mingħand it-tliet partiti konċernati (ADIE, AEN u EUD), b'qies tal-ammont finali tal-għotjiet li għandhom jingħataw lil dawk il-partiti;
105. Jinnota t-tweġiba tas-Segretarju Ġenerali għall-paragrafu 96 fir-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009¹ dwar is-segwitu għas-sejbiet fir-rapport tal-Awditur Intern dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontribuzzjonijiet lill-partiti politiċi fil-livell Ewropew² u r-referenza għal tliet azzjonijiet li ġew "abbandunati";
106. Ifakkar li, bħalma hu previst fi premessa 11 tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003³, "*Huwa meħtieġ li jkunu assigurati trasparenza massima u kontroll finanzjarju tal-partiti politiċi f'livell Ewropew li huma finanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*";
107. Jenfasizza li "*trasparenza massima*" ma tistax tintlaħaq mingħajr (i) implimentazzjoni preċiża, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' struttura mudell għad-deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-programm u għar-rapporti ta' attività finali u (ii) għadd biżżejjed ta' kontrolli ex-post fuq il-post ta' dawk l-għotjiet mill-uffiċjal li jawtorizza;
108. Ma jistax jifhem kif il-Bureau jista' jikkonforma mar-responsabilità tiegħu skont ir-Regola 209 (2) ([li] "jiddeċiedi jekk jissospendix jew inaqqasx l-iffinanzjar, u jekk jirkuprax ammonti li jkunu tħallsu bi żball") u r-Regola 209 (3) ([li] "japprova r-rapport aħħari tal-attività tal-partit politiku benefiċjarju u d-dikjarazzjoni finanzjarja aħħarija") tar-Regoli ta' Proċedura mingħajr ma jintroduċi l-istrutturi ta' mudell imsemmija hawn fuq li huma kruċjali għall-kisba ta' proċess trasparenti ta' evalwazzjoni u ta' ħlas;

Fondazzjonijiet politiċi Ewropej

109. Jinnota li fl-2008 l-approprijazzjonijiet imdaħħla taħt il-punt 4 0 3 0 tal-baġit intużaw kif ġej:

Punt tal-baġit 4030 - eżekuzzjoni fis-sena finanzjarja 2008 (f'EUR)					
Fondazzjoni	Taqkira	Riżorsi Propriji	Għotja Finali	Dħul Totali	Sussidji bħala % tal-infiq eleġibbli (massimu 85%)
Ċentru għall-Istudji Ewropej	CEE	262.293	1.344.892	1.607.184	84%
Fondazzjoni għal Studji Progressivi Ewropej	FEPS	221.835	1.208.436	1.430.271	85%

¹ ĠU L 255.26.9.2009, p.3.

²

<http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/200911/20091120ATT64976/20091120ATT64976EN.pdf>

³ Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).

Forum Liberali Ewropew	ELF	39.315	172.187	211.502	81%
Istitut Aħdar Ewropew	GEI	48.442	270.836	319.278	85%
Inbiddu l-Ewropa	TE	23.800	147.090	170.890	85%
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IED	18.079	101.108	119.188	85%
Osservatorju Ewropew tal-Politiki tal-Unjoni	EUROPA	61.901	232.900	294.801	84%
Ċentru Maurits Coppieters	CMC	21.881	106.608	128.489	83%
Fondazzjoni Politika Ewropea għad-Demokrazija	FPED	16.635	120.501	137.136	85%
Fondazzjoni għad-Demokrazija tal-UE*	FEUD				
Total		714.181	3.704.558	4.418.739	84%

*: ir-rapport finali għadu ma ġiex approvat

110. Jinnota li l-Bureau fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2009 approva r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' attivitajiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' sitta mill-għaxar fondazzjonijiet u stabbilixxa li l-uffiċjal li jawtorizza kellu jirkupra l-bilanċ pożittiv ta' EUR 85 437 44 mingħand l-Istitut tad-Demokratiċi Ewropej u jħallas bilanċ ta' EUR 482 544 35 lill-ħames fondazzjonijiet l-oħra (Minuti tal-laqgħa tas-17 ta' Ġunju 2009, PE 426.231/BUR);

111. Jinnota wkoll li s-Segretarju Ġenerali fin-nota tiegħu lill-membri tal-Bureau - (D(2009) 31289 tal-15 ta' Ġunju 2009) - ta t-tagħrif li ġej:

"9. F'Marzu 2008, ftit qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, il-parti l-kbira tal-fondazzjonijiet, fil-laqgħa ta' informazzjoni mad-dipartimenti responsabbli fis-Segretarjat, qalu li ma setgħux jissottomettu programm ta' ħidma dettaljat, pereżempju bil-post, data u suġġett ta' konferenza jew is-suġġett eżatt ta' studju. Konsegwentement, ma kienx possibbli li jiġi vverifikat jekk l-attivitajiet imwettqa jikkorrispondux għall-programmi ta' ħidma ppreżentati mal-applikazzjoni għall-għotja. F'każijiet fejn l-applikazzjoni kienet pjuttost dettaljata, ġie nnutat bosta drabi li kienu saru bidliet kbar, pereżempju li diversi avvenimenti ma kinux saru jew li s-suġġetti tal-istudji kienu ġew mibdula.

10. Peress li din hija l-ewwel sena finanzjarja għall-finanzjament, ftit wara l-ħolqien tal-fondazzjonijiet benefiċjarji, huwa propost li r-rapporti finali jiġu aċċettati. Madankollu, donnu li jkun utli li l-Bureau jitlob lill-President ifakkar lill-fondazzjonijiet, fl-ittra tiegħu dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja 2008, li fil-ġejjieni l-ipprogrammar tax-xogħol irid jitjieb u li kwalunkwe tibdil matul is-sena għandu jkun iġġustifikat fir-rapporti finali.

...

12. Fir-rapporti kollha, l-awdituri ċċertifikaw bla riżervi li l-kontijiet ippreżentati kienu konformi mad-dispożizzjonijiet statutorji tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 u li ppreżentaw stampa vera u fidila tas-sitwazzjoni tal-fondazzjonijiet politiċi fi tmiem is-sena finanzjarja 2008 (...);

112. Jinnota li l-Bureau fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Settembru 2009 approva r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' attivitajiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' tlieta mill-erba' fondazzjonijiet politiċi Ewropej li ma kinux setgħu jibagħtu r-rapporti

tagħhom għal kunsiderazzjoni fil-laqgħa tal-17 ta' Ġunju 2009 (il-Forum Liberali Ewropew - Inbiddu l-Ewropa - TE u il-Fundazzjoni Politika Ewropea għad-Demokrazija - FPED) (Minuti tal-laqgħa tal-14 ta' Settembru 2009 u n-nota lill-membri tal-Bureau D(2009) 40444 tad-9 ta' Settembru 2009);

113. Jinnota wkoll li l-Bureau jistabbilixxi wkoll li l-uffiċjal li jawtorizza jeħtieġ jirkupra l-bilanċ favorevoli ta' EUR 15 144,39 mil-ELF u EUR 32 178,58 mill-FPED u jħallas bilanċ ta' EUR 21 965,56 lit-TE u ddiferixxa d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja tal-FEUD għal laqgħa oħra, aktar 'il quddiem;
114. Jappoġġa bis-sħiħ il-ħolqien ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-attivitajiet tagħhom; jemmen li t-trasparenza totali rigward il-ġestjoni finanzjarja tal-partiti u tal-fondazzjonijiet u l-kisba tar-riżultati ppjanati hija importanti ħafna għaċ-ċittadini tal-Unjoni;
115. Huwa tal-fehma li l-informazzjoni ppreżentata lill-awtorità tal-kwittanza ma turix b'mod konvinċenti li l-ġestjoni u s-sistemi ta' kontrolli interni joperaw b'mod effettiv u li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mressqa mill-partijiet u mill-fondazzjonijiet mhumiex biżżejjed sabiex jikkonformaw mal-aspettattivi ġustifikati taċ-ċittadini u ta' dawk li jħallas t-taxxi dwar it-trasparenza; jistenna li l-uffiċjali li jawtorizzaw jistabbilixxu programm ta' kontrolli ex-post li huwa prekondizzjoni ewlenija għall-kisba ta' assigurazzjoni;
116. Jilqa' l-fatt li s-Servizz ta' Verifika Interna beda segwitu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu tal-2007 u li dan ir-rapport ġdid se jinkludi wkoll eżami tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej;

Implimentazzjoni tal-istatuti għall-Membri u għall-assistenti

117. Jinnota li l-Bureau permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Settembru 2009 stabbilixxa grupp ta' evalwazzjoni temporanju dwar l-implimentazzjoni tal-istatuti għall-Membri u l-assistenti, ippresedut mis-Sra Dagmar Roth-Behrendt, Viċi President, biex tqis soluzzjonijiet għall-problemi prattiċi li tqajmu;
118. Jilqa' din l-inizjattiva u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsiru xi aġġustamenti għall-proċeduri amministrattivi u għar-regoli attwali filwaqt li jitqiesu r-riskji possibbli għar-reputazzjoni u għall-finanzi u mingħajr ma jinħolqu spejjeż addizzjonali bla bżonn;
119. Jistenna li s-Segretarju Ġenerali jkun identifika r-riskji assoċjati mal-iskemi ġodda u l-ispejjeż tal-amministrazzjoni u l-kontroll meħtieġa biex dawn ir-riskji jinżammu limitati;

Postijiet vakanti

120. Jistenna li s-Segretarju Ġenerali jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jillimita l-postijiet vakanti għal perjodu minimu strett ta' mhux aktar minn tliet xhur u b'hekk jingħata kontribut sinifikanti biex jitjiebu s-servizzi lill-Membri billi jippermettu lill-persunal iwettaq xogħol tal-kwalità mistennija;
121. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jiżgura li l-avviżi ta' postijiet vakanti rigward il-karigi ta' Kap tal-Unità u karigi ogħla jkunu miftuħa għal uffiċjali mill-istituzzjonijiet oħra tal-UE;

Politika tal-bini

122. Itenni t-talba tiegħu biex il-Parlament jadotta strateġija għal medda twila ta' żmien għall-proprjetà u l-bini; jerġa' jenfasizza t-talbiet tiegħu fil-paragrafu 30 tar-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew, Taqsima II – Il-Kunsill, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V – Il-Qorti tal-Awdituri, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Regġuni, Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew, Taqsima IX – Is-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data¹; isostni b'mod partikolari li kwalunkwe strateġija bħal din tal-proprjetajiet u tal-bini għandha tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll l-ispejjeż li qed jogħlew għall-manutenzjoni tal-bini u n-neċessità fil-medda medja ta' żmien li jiġu rinnovati; jiġbed l-attenzjoni li l-istrateġija tal-proprjetà u tal-bini għandha tiżgura s-sostenibilità tal-baġit tal-Parlament; jenfasizza li għandhom jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti maħluqa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u jistenna li jinżamm infurmat dwar ir-riżultati;
123. Fir-rigward tal-uffiċċji tal-informazzjoni, huwa jappella lill-Parlament u lill-Kummissjoni biex jilhqgħu ftehim dwar politika tal-bini għall-medda medja u twila ta' żmien, li tippjana ħafna bil-quddiem u b'mod partikolari tistabbilixxi b'mod ċar il-proċeduri għax-xiri tal-proprjetà, l-irwol tal-istituzzjonijiet rispettivi u l-perjodi ta' ħlas lura; jenfasizza li l-ħtieġa għal tali ftehim hija ħafna akbar minħabba li l-Parlament u l-Kummissjoni attwalment jippreferu forom differenti ta' ffinanzjar għall-uffiċċji tal-informazzjoni;

Skema ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS)

124. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni tat-ċertifikat ISO – ISO 14001:2004 – lill-Parlament għal sistemi ta' ġestjoni ambjentali għat-tliet postijiet ta' ħidma ewlenin tiegħu;
125. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Parlament:
- hu l-ewwel istituzzjoni tal-UE li rċeviet dan iċ-ċertifikat għall-attivitajiet kollha tekniċi u amministrattivi tagħha,
 - naqqas il-konsum tiegħu ta' gass u fjuwil bi kważi 25% tul l-aħħar tliet snin,
 - iddeċieda li juża 100% elettriku aħdar fit-tliet postijiet ta' ħidma ewlenin tiegħu, li għamlitha possibbli li l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju (CO₂) jonqsu bi 17%, u
 - jirriċikla, joħloq kompost u jerġa' juża aktar minn 50% tal-iskart kollu tiegħu;
126. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jieħu miżuri bl-għan li jinħoloq - *fil-livelli kollha* - aktar fehim għall-ħtieġa li tiġi evitata l-ħela bla bżonn b'mod ġenerali u b'mod partikolari fir-rigward tan-numru ta' dossiers tal-karti prodotti - imma mhux użati - għal diversi laqgħat, speċjalment fid-dawl tal-ammont enormi ta' sforzi fil-qasam tal-ekonomija u tal-finanzi ddedikati għall-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali; għalhekk, jissuġġerixxi li l-użu tat-tagħmir diġitali eżistenti tal-Parlament jitjieb;
127. Jistenna, bħala regola ġenerali, li l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jagħtu prijorità għolja

¹ Testi adottati, P7_TA(2009)0052.

lill-ħtiġiet ambjentali fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw, inter alia, il-bini (inkluż l-iżolament, il-ġeotermika, il-bijofjuwils u l-panewijiet fotovoltajċi), it-trasport u l-provvisti tal-uffiċċju;

128. Jirrakkomanda li l-Parlament - bħalma hija l-prattika f'xi Stati Membri - jipparteċipa fir-rimborż tal-ispejjeż tal-persunal għat-trasport pubbliku użat bejn id-dar tagħhom u l-post tax-xogħol għal dawk li jaċċettaw li jtilfu l-aċċess tagħhom għall-garaxxijiet tal-Parlament minħabba li sistema bħal din tnaqqas l-għadd ta' karozzi li jsuqu lejn Brussell kull filgħodu kif ukoll l-emissjonijiet korrispondenti ta' dijossidu tal-karbonju;
129. Jappoġġja bis-sħiħ il-prinċipju tal-multilingwiżmu u jinnota d-deċiżjoni tal-Parlament tal-24 ta' Ottubru 2007¹ biex terġa' ddaħħal it-traduzzjoni kompluta tar-Rapport Verbatim tal-Proċedimenti fil-lingwi uffiċjali u l-ispiża addizzjonali ta' EUR 14 840 000; jitlob li jsiru analiżi ta' modi ta' identifikazzjoni tal-użu magħmul mill-verżjonijiet lingwistiċi differenti tar-Rapport Verbatim tal-Proċedimenti;
130. Huwa tal-fehma li t-tim tal-EMAS għandu jiffunzjona b'mod indipendenti u jkollu biżżejjed riżorsi finanzjarji biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu; jistieden lit-tim tal-EMAS jibgħat ir-rapport annwali tiegħu lill-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;
131. Jesprimi t-tħassib tiegħu minħabba l-każijiet kontinwi ta' reati żgħar fil-binjiet tal-Parlament; jitlob li s-Segretarju Ġenerali jagħti attenzjoni speċjali lil din il-kwistjoni sabiex jonqsu r-reati żgħar;

Trasport

132. Jinnota li kull karozza mixtrija mill-Parlament fl-2009 kellha emissjonijiet ta' CO₂ oġhla mill-medja tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda li tqegħdu fis-suq tal-Unjoni fl-istess sena; jagħraf l-għadd li kull ma jmur qed jikber ta' karozzi b'magni qawwija, inklużi karozzi ibridi, b'emissjonijiet inqas mill-medja li huma disponibbli fis-suq bħalissa;
133. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jġeddu l-flotta tal-karozzi sedan kollha li l-Parlament għandu għal skopijiet ta' protokoll u ta' rappreżentanza b'karozzi ibridi li jniġġsu inqas sal-31 ta' Diċembru 2010 u jirriżervaw l-użu ta' dawk il-karozzi għall-President, il-Presidenti tal-gruppi politiċi u l-viżitaturi ta' livell għoli u biex jiżguraw li l-karozzi li hemm għad-dispożizzjoni tal-Membri fi Brussell u fi Strasburgu jikkonformaw mal-Istandard Ewropew għall-Emissjonijiet Nru 5 sa dik id-data;
134. Jinsab sorpriż li l-maġġoranza tal-karozzi mixtrija fl-2008 kienu meqjusa bħala l-aktar karozzi b'kuxjenza ambjentali li jservu l-ħtiġijiet tal-utenti; iħeġġeġ lill-Parlament biex jappoġġja lill-Membri biex jużaw it-trasport pubbliku u biex jirrevedi, bil-ħsieb li jestendi, is-servizz tar-roti tiegħu għat-trasport fi Brussels; jitlob, barra minn hekk, li l-Parlament jistabbilixxi servizz ta' roti tiegħu stess waqt is-sessjonijiet fil-plenarja fi Strasburgu b'ammont suffiċjenti ta' roti disponibbli;

Koordinazzjoni tal-istudji

¹ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar l-emenda għall-Artikolu 173 u ż-żjieda ta' l-Artikolu 173a tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar ir-rapporti verbatim u r-rekord awdjoviżiv tal-proċeduri (OJ C 263 E, 16.10.2008, p. 409).

135. Jinnota li fl-2008, id-DĠ IPOL impenja EUR 7.1 miljun u d-DĠ EXPO impenja EUR 499 423 għal studji esterni (tweġiba għall-Mistoqsija 24); jistieden lis-servizzi responsabbli biex jiċċekkjaw - qabel ma jiġi kkommissjonat kwalunkwe studju estern ġdid - jekk studju simili hux diġà disponibbli u/jew twettaqx diġà minn xi istituzzjoni oħra tal-UE;
136. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jikkuntattja lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE sabiex tiġi stabbilita bażi tad-data ċentrali għall-istudji mwettqa, li tkun disponibbli wkoll għall-konsultazzjoni tal-pubbliku usa';

Aċċess għall-bażijiet tad-data

137. Jinnota li l-ispejjeż totali tal-abbonamenti għal servizzi kummerċjali ta' informazzjoni elettronika kienu ta' EUR 804 987 fl-2008 u EUR 970 484 fl-2009; jistieden lis-servizzi kompetenti li meta jġeddu l-kuntratti itejbu l-kundizzjonijiet ta' aċċess u b'hekk jippermettu għadd akbar ta' utenti - inklużi l-Membri - li jibbenefikaw minn dawk is-servizzi ta' informazzjoni;

Rimborż tal-ispejjeż taż-żjarat minn gruppi sponserjati

138. Jitlob li l-ispejjeż ta' żjara sponserjata ta' grupp dejjem għandhom jiġu rimborżati lill-kap tal-grupp permezz ta' trasferiment bankarju u mhux fi flus kontanti; barra minn hekk jitlob li jsir studju mill-Parlament li jevalwa jekk is-sistema ta' rata fissa ta' rimborż għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-gruppi ta' viżitaturi uffiċjali hix adegwata meta wieħed iqis il-punti tat-tluq u d-destinazzjonijiet differenti tagħhom għaż-żjarat, jew jekk sistema ta' rimborż tal-ispejjeż reali - suġġetti għal limitu massimu - tkun aktar adattata għal dan it-tip ta' gruppi.